# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum 21 ta' Ġunju, 2023

**Rikors Nru.: 831/2019MH**

**Numru: 4**

**Fair Trading Limited**

**vs**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**

**Green MT Limited**

**L-Avukat Jan Karl Farrugia għal kull interess li jista’ jkollu**

**L-Avukati Dr Carina Bugeja Testa u Dr Abigail Critien għal kull interess li jista’ jkollhom**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjeta’ rikorrenti Fair Trading Limited** tat-28 t'Awwissu 2019 permezz ta’ liema ġie premess u mitlub –

> *Illi s-socjeta' rikorrenti hija parti f’kawza li ghadha pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti*
> *Civili fl-ismijiet Fair Trading Ltd vs Green MT Ltd bin-numru progressiv 4/14GM;*
>
> *Illi ricentement fl-imsemmija kawza inhadmet it-taxxa hawn annessa bhala Dokument 'A', liema taxxa inharget 'fuq talba ta' Dr Carina Testa fil-kawza*

*numru: 4/14GM fl-ismijiet "Fair Trading Limited vs Green MT Ltd" u dan specifikament tar-rinunzja patrocinju skont skeda A,*
*Tariffa E, para 33 tal-kap 12 u dan ghal kull effett u fini tal-ligi';*

*Illi meta r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti indaga dwar il-bazi biex inhadmet I-imsemmija taxxa, huwa ottjena d-Dokument 'B' hawn anness li minnu jirrizulta illi t-taxxa inhadmet fuq il-bazi ta' somma ta' EUR300,000;*

*Illi I-imsemmija somma ta' EUR300,000 kienet imsemmija f' mandat ta' inibizzjoni numru 1914/13 li izda gie kompletament revokat b'sentenza tas-6 ta' Frar 2014 (Dokument 'C' hawn anness) li fiha inghad ukoll li fuq bazi prima facie I-ammont ta' EUR300,OOO kien 'eccessiv u grossolan';*

*Illi t-talbiet fil-kawza numru 4/14GM ma jindikawx ammonti partikolari izda hemm talbiet ghal somom da liquidarsi;*

*Illi ghalhekk it-taxxa fuq imsemmija (Dokument 'A') ma setghetx tinhadem fuq somma li rraffigurat ruhha f' atti processwali separate u li kienet mertu tal-mandat ta' sekwestru 1914/13 u mhux tal-kawza nfisha;*

*Illi sa llum ma hemm I-ebda dikjarazzjoni ta' valur mill-Qorti fil-kawza numru 4/14GM;*

*Illi lanqas ma jirrizulta li r-Registratur talab lill-partijiet jaghmlu dikjarazzjoni kongunta tal-valur ghall-fini li tinhadem it-taxxa mitluba minn Dr Carina Testa;*

*Illi ghalhekk almenu f' dan I-istadju t-taxxa tal-kawza numru 4/14GM kellha tkun mahduma fuq punt ta' ligi u mhux ad valorem, u fi kwalsijasi kaz certament mhux fuq il-valur ta' EUR300,000 li mhux valur Ii intalab fl-atti tal-kawza 4/14GM per se;*

*Illi fi kwalsijasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk kellu jigi ritenut li t-taxxa relattiva ghandha tinhadem ad valorem, it-taxxa hawn annessa bhala Dokument 'A' hija fi kwalsijasi kaz eccessiva u mahduma inkorrettement, fuq kriterji irrilevanti, u mhux skond il-procedura stabbilita;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti is-socjeta' esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara t-taxxa ta' drittijiet u spejjez tal-kawza fl-ismijiet Fair Trading Ltd vs Green MT Ltd bin-numru progressiv 4/14GM li kopja taghha tinsab hawn annessa bhala Dokument*

*'A' bhala erronea u mhux skond il-ligi u ghalhekk nulla u invalida;*

2. *Tordna t-thassir tal-istess taxxa; u*
3. *Tordna lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali johrog taxxa gdida tal-imsemmija kawza wara li jkun talab dikjarazzjoni tal-valur mill-partijiet fil-kawza u, fin-nuqqas, fuq punt ta' ligi;*
4. *F'kaz li ma tintlaqax it-talba precedenti, tordna lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali johrog taxxa gdida tal-imsemmija kawza fuq dak il-valur li skond din I-Onorabbli Qorti jirrizulta mill-atti tal-kawza 4/14GM ghall-fini tal-intaxxar ta' dik I-istess kawza;*

*BI-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Rat **ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali** tat-28 t'Ottubru 2019 [1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Illi l-azzjoni attriċi hija perenta a tentur tal-artikolu 64 tal-Kap 12 in kwantu ġiet intavolata wara t-terminu ta' xahar min-notifika tat-taxxa de quo b'att ġudizzjarju kif indikat fl-artikolu 64 (1) tal-Kap 12.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta.

[1] Fol 17 et seq

Rat **ir-risposta tal-Avukat Dr Carina Bugeja Testa et tal-25 t'Ottubru 2019**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*1. Illi fl-ewwel lok jeħtieg li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex isem l-esponenti 'Dr. Carina Testa' jaqra' 'Dr. Carina Bugeja Testa';*

*2. Illi preliminarjament qed tiġi eċċepita d-dekadenza ta' xahar abbażi tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern abbażi tal-istess trapass taż-żmien. Dan qiegħed jingħad stante li l-imsemmija taxxa mertu tal-proċeduri odjerni ġiet reża eżekuttiva permezz ta' ittra uffiċċjali (ara* ***Dok. A*** *hawn anness) li ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fit-28 ta' Mejju 2019 kif jirriżulta mill-istess* ***Dok. A*** *anness;*

*3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed tiġi eċċepita n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li kif deċiż mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' sentenza deċiża nhar it-12 ta' Settembru 2019 bir-rikors numru 782/19JRM fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 910/19 fl-ismijiet* ***Dr. Abigail Critien u l-P.L. Nadine Farrugia vs Fair Trading Limited*** *il-Qorti kompetenti rationae valoris hija l-Qorti tal-Maġistrati (ara* ***Dok. B*** *hawn anness);*
*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċeduri odjerni huma monki stante li ai termini tal-Artikolu 64(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, r-rikorrenti għandu jindirizza t-talba tiegħu fil-konfront tal-partijiet kollha interessati, li ma sarx;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-taxxa de quo nħadmet b'mod korrett u skont il-liġi u llum tikkostitwixxi titolu eżekuttiv;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti;*

*7. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, l-esponenti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu spejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta.

[2] Fol 22 et seq

Rat **ir-risposta tas-soċjeta' Green MT Ltd u l-Avukat Dr Jan-Karl Farrugia tat-12 ta' Diċembru 2019**[3] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Illi preliminarjament, I-intimat I-Avukat Dr Jan-Karl Farrugia LLD. ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju ad limine litis peress li m'huwiex ill-legittimu kontradittur f'kwalunkwe vertenza li s-socjeta' attrici jista' jkollha ma Avukati li kienu jippatrocinaw lis-socjeta' Fair Trading Limited precedentement u/jew mar-Registratur Qrati Civili u Tribunali;*

2. *Illi preliminarjament Ukoll, is-socjeta' intimata Green MT Limited ghandha tigi illiberata ukoll mill-osservanza tal-gudizzju ad limine litis peress li m'hijiex il-legittima kontradittura f'kwalunkwe vertenza li s-socjeta' attrici jista' jkollha ma Avukati li kienu jippatrocinawha precedentement u/jew mar-Registratur Qrati Civili u Tribunali;*

3. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba ghar-ritassa iddekadiet mat-trapass ta' xahar kif ikkontemplat fl-Art. 640) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress Ii s-socjeta' Fair Trading Limited bhala debitrici giet innotifikata bit-taxxa fit-28 ta'Mejju 2019 filwaqt li r-rikors odjern gie ipprezentat fit-28 ta' Awissu 2019 ossija tlett (3) xhur wara;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, I-esponenti jinstabu sbalorditi kif-is-socjeta' attrici kellha l-awdacita' li tiftah il-proceduri odjerni wara li kisret ir-relazzjoni taghha mal-avukati li kienu jippatrocinawha u konsegwentement ikkontestat it-taxxa li inhadmet fuq figura ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000)* ***li harget biha s-socjeta' Fair Traiding Limited stress*** *bhala pretenzjoni li ghandha fil-kawza numru 04/14GM. L-esponenti jissottomettu illi li kieku ma kienx ghall-intervent legali f'waqtu li wassal sabiex il-mandat ta'sekwestru numru 1914/13 LSO jigi revokat, is-socjeta' attrici permezz tas-sekwestru ghall-ammont astronomiku imsemmi,kienet twassal ghall-falliment tas-socjeta' Green Mt Limited,bis-sensji ta' ghexieren ta'impjegati li thaddem. Ghalhekk is-somma li abbazi taghha nhadmet it-taxxa hija korretta;*

5. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti ma jistghux iwiegbu ghall-ebda wahda mit-talbiet maghmula fir-rikors mahluf odjern peress li huma ghall-kollox estraneji ghal dak mitlub;*

[3] Fol 50 et seq

6. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet rikorrenti huma ikoll infondanti fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' din il-kawza u b'hekk ghandom jigu respinti in toto;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-Ligi.*

*Bl-Ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum ghas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati b'rabta mal-kompetenza tal-Qorti *rationae valoris* u wkoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrent.

Rat il-provi mressqa b'rabta mal-eċċezzjonijiet imsemmija.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna titratta talba mressqa mis-soċjeta' rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara nulla u nvalida t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fil-kawża fl-ismijiet *Fair Trading Ltd vs Green MT Ltd (Rik 4/14).* Din it-taxxa ta' rinunzja ta' patroċinju nħarġet fuq talba tal-avukat Dr Carina Bugeja Testa fil-mori tal-kawża. Għal kull buon fini dik il-kawża ġiet eventwalment deċiża fil-21 ta' Jannar 2020 u sar appell mis-sentenza li għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Fil-fehma tal-istess soċjeta' rikorrenti, t-taxxa fil-kawża msemmija, hija erronea u mhux skont il-liġi. Dan għaliex tali taxxa nħadmet a bażi tas-somma ta'

€300,000[4] li kienet indikata f'mandat t'inibizzjoni numru 1914/13 li pero' ġie sussegwentement revokat b'sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Frar 2014[5]. Is-soċjeta' rikorrenti ssostni li fil-kawża Rik 4/14 ma hemm ebda ammont partikolari ndikat iżda t-talbiet huma somom li għad iridu jiġu likwidati.

Għalhekk l-argument tas-soċjeta' rikorrenti huwa li t-taxxa in kwistjoni ma kellhiex tinħadem fuq somma li kienet parti minn proċeduri separati.
It-talba tagħha hija li terġa tinħadem mill-ġdid din it-taxxa wara li jiġi dikjarat il-valur ta' dik il-kawża mill-partijiet stess jew, fin-nuqqas, tinħadem fuq punt ta' liġi. Altrimenti l-Qorti għandha tordna lir-Reġistratur jagħmel ritassa fuq valur li lill-Qorti jirriżultalha mill-atti tal-kawża Rik 4/14.

Apparti eċċezzjonijiet preliminari, fil-mertu l-intimati jirrespinġu l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bħala fatti jirriżulta li –

1. Fil-kawża Rik Nru 4/14 fl-ismijiet *Fair Trading Ltd vs Green MT Ltd* is-soċjeta' rikorrenti kienet qegħda tiġi patroċinata mid-ditta legali li lilha jappartjenu l-avukati Dr Carina Bugeja Testa u Dr Abigail Critien;

2. Permezz ta' **Nota datata 18 t'Ottubru 2018** fl-atti ta' dik il-kawża l-avukat Dr Abigail Critien rrilevat li hija kienet fil-proċess li tirrinunzja għall-patroċinju tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement talbet taxxa ta' estromessjoni sabiex wara li titħallas id-drittijiet relattivi tkun tista' tirrinunzja għal tali patroċinju;

3. Fid-**9 ta' Mejju 2019** ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ħareġ taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji fuq talba ta' Dr Carina Bugeja Testa fil-kawża msemmija, li kienu jammontaw għal €4,126.29 (attur) u €171.00 (konvenut)[6];

4. Fit-**23 ta' Mejju 2019**[7] ġiet intavolata ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' Fair Trading Ltd ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12 permezz ta' liema l-avukat Abigail Critien u l-prokuratur legali Nadine Farrugia rreferew għat-taxxa in

[4] Vide Dok B a fol 3
[5] Kopja a fol 4 et seq
[6] Fol 2A
[7] Fol 24

kwistjoni għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sabiex irenduha bħala titolu eżekuttiv u nterpellaw lill-istess soċjeta' sabiex tħallas is-somma komplessiva ta' €4869.01 li breakdown tagħha jinsab fl-istess ittra;

5. Wara li fil-**11 ta' Lulju 2019** l-Avukat Critien u l-prokuratur legali Farrugia ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru dwar id-drittijiet taxxati in kwistjoni, s-soċjeta' Fair Trade Ltd intavolat proċeduri Rik Nru 782/19 fl-atti ta' dak il-mandat fl-ismijiet *Dr Abigail Critien et vs Fair Trading Ltd* bil-għan li jitħassar dak il-mandat. Ir-raġunijiet kienu li fil-fehma tal-istess soċjeta' –

- in-notifika tat-titolu eżekuttiv ma saritx sewaa u b'hekk it-titolu mhuwhiex eżegwibbli bi ħruġ ta' Mandat;
- il-Mandat intalab quddiem Qorti ħażina minħabba raġunijiet ta' kompetenza;
- jonqos f'min talab il-ħruġ tal-Mandat l-interess ġuridiku biex jagħmel dan;

6. B'sentenza datata **12 ta' Settembru 2019** il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta' Fair Trading Ltd għat-tħassir tal-imsemmi Mandat ta' Sekwestru għar-raġuniijiet hemm imsemmija;

7. Fil-frattemp, **fit-28 t'Awwissu 2019** is-soċjeta' rikorrenti ntavolat il-proċeduri odjerni għal ritassa.

<u>**Eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti *rationae valoris***</u>

**Fit-tielet eċċezzjoni tal-avukati Dr Carina Bugeja Testa u Dr Abigail Critien** ġiet sollevata n-nuqqas ta' kompetenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti stante li ġie argumentat li l-azzjoni attriċi kellha titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

**L-artikolu 741 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*

*(.....)*

*(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża:*

*Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw liema għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża."*

**L-artikolu 47 (1) tal-Att** jipprovdi li –

*"Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*

*(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."*

Imbagħad, **l-artikolu 748 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-*

*(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;*
*(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."*

Fil-każ **Emanuel Bezzina et vs Daniel Refalo deċiż fis-26 ta' Marzu 2021** ingħad hekk -

*"Fil-ġurisprudenza nostrana huwa ormai stabbilit li bhala regola "il-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija, mit-termini tal-azzjoni attriċi. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha".*

Fil-każ odjern, il-valur globali tat-taxxa mpunjata huwa ta' €4,126.29 (attur) u €171 (konvenut).

Fil-proċeduri **Francis Saliba et vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et** deċiżi fil-15 t'April 2009 -

*"M'hemmx dubju li taxxa li tinhareg mir-Registratur hi att tieghu u mhux tal-qorti li ddecidiet il-kawza (ara per ezempju Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Lulju 2004). Tant hu hekk li l-ligi stess tipprovdi li "l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti......" (Artikolu 64 tal-Kap. 12). Kif tajjeb gie osservat fil-kawza* ***Lewis Borg vs Avukat Dr Giuseppe V. Salamone****, fil-kaz ta' taxxa, "....lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibilita' jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu nteress." (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 23 ta' Frar 1960). Ghalhekk ghalkemm kawza tkun giet deciza minn qorti superjuri, b'daqshekk ma jfissirx li l-procedura ta' ritassa trid bilfors tinstema' u tigi deciza minn dik il-qorti. Dan minkejja li fir-realta' hu certament iktar desiderabbli li procedura ta' ritassa ssir quddiem l-istess qorti presjeduta mill-istess gudikant li jkun ippronunzja s-sentenza.*

*Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'ghandix valur incert jew indeterminat in kwantu t-taxxa mahruga mir-Registratur hi intrinsikament marbuta ma' valur li r-rikorrenti jippretendu li m'huwiex korrett u qegħdin jitolbu li jigi rivedut. Valur li jirrizulta mit-taxxa mahruga mir-Registratur u li wara kollox hu t-titolu li jaghti lok ghal dan il-procediment (Artikolu 748(b) tal-Kap. 12), u liema valur jista' jigi rivedut fi procediment ta' ritassa. Ir-rikorrenti jippretendu li t-taxxa mahduma mill-intimata hi zbaljata in kwantu d-dritt tar-registru u ta' l-avukati hu eccessiv, u ghalhekk iridu li ssir mill-gdid. Il-valur komplessiv tat-taxxa hu ta' €11,409.58 (€6,866.96 + €4,542.62). Valur li ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-qorti.*

*Il-qorti lanqas ma tista' targumenta li t-taxxa nharget mir-Registru tal-Qrati Superjuri u ghalhekk ir-rikors seta' jsir quddiem qorti superjuri. Skond l-Avviz Legali 139 ta' l-2004 kif sussegwentement emendat, jezisti biss registru wiehed ghal Malta imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta u iehor ghal Ghawdex imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex u li hu kompetenti li jircievi atti gudizzjarji, atti bil-miktub u dokumenti ohra. Registru li espressament iservi ghall-qrati superjuri u inferjuri."*

Minn dan isegwi li l-fatt waħdu li l-proċeduri li fir-rigward tagħhom intalbet it-taxxa mpunjata (Rik 4/14) saru quddiem il-Qrati Superjuri kif ukoll il-fatt li l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju 2019 (intiża biex tirrendi t-taxxa eżegwibbli) saret fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ma jfissirx li l-kawża ta' ritassa odjerna awtomatikament kellha tiġi wkoll quddiem dawn il-Qrati. Il-kompetenzi rispettivi tal-Qrati huma stabbiliti mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-valur globali tat-taxxa mertu tal-kawża odjerna huwa nferjuri għal €15,000 u kwindi *se mai* is-soċjeta' rikorrenti kellha tintavola dawn il-proċeduri ta' ritassa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mhux quddiem il-Qrati Superjuri. Dan il-punt ġie affermat ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri surreferiti Rik Nru 782/19.

**Kwindi din it-tielet eċċezzjoni tal-avukati Dr Carina Bugeja Testa u Dr Abigail Critien sejra tiġi milqugħa.**

**<u>Eċċezzjonijiet dwar id-dekadenza tal-azzjoni tas-soċjeta' rikorrenti</u>**

Raġġunta din il-konklużjoni, u qabel ma tiddeċiedi li tapplika l-ewwel proviso tal-artikolu 741 (b) tal-Kap 12, a skans ta' dilungar inutli ta' dawn il-proċeduri, l-Qorti sejra teżamina **t-tieni eċċezzjoni tal-avukat Dr Carina Bugeja Testa u Dr Abigail Critien, l-eċċezzjoni ulterjuri tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' Green MT Ltd et** permezz ta' liema ġiet sollevata d-dekadenza ta' xahar ai termini tal-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"64.(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

Minn din id-dispożizzjoni tal-liġi titnissel il-kompetenza tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li jintaxxa d-drittijiet u l-ispejjeż tal-partijiet f'kawża u li joħroġ it-taxxa relattiva. It-terminu stabbilit għal talba għal ritassa huwa ta' xahar li jiddekorri b'żewġ modi:

a. minn dakinhar li tinħareġ it-taxxa fil-konfront tal-persuna li tkun talbet it-taxxa;

b. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att ġudizzjarju fil-konfront tad-debitur li jkun qed jintalab iħallas.

Fil-każ tal-lum, is-soċjeta rikorrenti taqa' taħt it-tieni kategorija.

Huwa dritt tal-parti nteressata li timpunja dik it-taxxa fi żmien utli. Kemm il-darba dak iż-żmien jghaddi mingħajr ma jittieħdu l-proċeduri imsemmija fl-artikolu ċitat, dik it-taxxa ma tkunx tista' tiġi aktar kontestata u ssir titolu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ fl-ismijiet **Avukat Dr Tonio Azzopardi vs Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et deċiż fis-17 ta' Mejju 2013**[8] ingħad hekk -

*F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Ċitazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "**Joseph Bonello et vs Ir-Registratur tal-Qorti et**" saret referenza għall-kawża fl-ismijiet "**Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et**" deċiża fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:-*

*"… Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."*

*Hu f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Hu għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa tkun tista' tigi attakkata. Kif jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħra, hu meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak."*

Elenkati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, l-Qorti tqis li huwa nkontestat mill-provi li **s-soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju 2019 nhar it-28 ta' Mejju 2019**. **Il-proċeduri odjerni għal ritassa ġew intavolati fit-28 ta' Awwissu 2019** u ċioe' <u>tlett xhur wara d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali msemmija</u>.

Fl-affidavit tiegħu Leo Said, direttur tas-soċjeta' rikorrenti jgħid li[9] n-notifika tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju 2019 saret lil ċerta Bimala Rana, persuna li ma kellha x'taqsam xejn ma dik il-kumpanija u li la qatt ma kellha xi kariga f'dik il-

---

[8] Rik Nru 198/10
[9] Fol 35

kumpanija, la qatt kienet impjegata ma' dik il-kumpanija u wisq anqas kellha r-rappreżentanza tagħha. Sostna wkoll li n-notifika ma saritx fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija iżda f'indirizz ieħor. Allura fil-fehma tiegħu n-notifka mhijiex valida.

**Fil-konfront tan-notifika il-liġi fl-artikolu 187 (1) tal-Kap 12** tipprovdi hekk -

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar:*

*Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika, għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xiehda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata:"*

Il-Qorti tinnota li fil-kawża surreferita Rik Nru 782/19 diġa' ġew trattati u deċiżi argumenti simili mressqa mis-soċjeta' Fair Trading Ltd dwar il-validita' tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju 2019. Ingħad hekk -

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel kawżali dwar is-siwi tan-notifika tal-ittra uffiċjali, l-eżekutata tgħid li n-notifika ta' dak l-att ġudizzjarju ma tiswiex għaliex saret notifika li ma toqgħodx ma' dak li titlob il-liġi fejn jidħol korp b'personalità*

*ġuridika distinta. B'mod partikolari, l-eżekutata tgħid li ladarba n-notifika tal-ittra uffiċjali ma saritx sewwa, it-titolu eżeluttiv li dak l-att ried jirrendi eżegwibbli għadu sallum mhu eżekuttiv;*

*Illi l-eżekutanti jikkontestaw b'qawwa dan l-argument. Huma jgħidu li l-eżekutata qiegħda tuża ħażin il-proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi għaliex mhuwiex mogħti li proċedura bħal din terġa' tiftaħ il-kwestjoni dwar il-mertu u s-siwi tat-titolu eżekuttiv. Minbarra dan, huma jiċħdu li n-notifika tal-att ġudizzjarju ma tiswiex u jisħqu li n-notifika tal-ittra uffiċjali saret f'indirizz li l-eżekutata nnifisha tqis li huwa dak fejn għandha s-sede reġistrat tagħha u li kien indikat lilhom minn dak li huwa d-direttur waħdien tagħha;*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-eżekutata mhijiex tattakka s-siwi tat-titolu eżekuttiv – it-taxxa tad-drittijiet – iżda l-mod kif l-eżekutanti ittantaw jirrendu eżekuttiv dak it-titolu. In-notifika ta' titolu li ma jkunx sentenza b'att ġudizzjarju hija meħtieġa mil-liġi permezz ta' intima ġudizzjarja mhux biex tirrendi validu t-titolu, imma biex tirrendih eżekuttiv wara li jgħaddi ż-żmien meħtieġ minn dakinhar tan-notifika. F'dan ir-rigward, għalhekk, il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika jista' jaqa' fil-parametri tal-istħarriġ li l-Qorti tkun trid tagħmel dwar is-siwi formali tal-att eżekuttiv maħruġ taħt is-saħħa ta' titolu bħal dak;*

*Illi, madankollu, mill-provi dokumentali li tressqu quddiem din il-Qorti u mix-xhieda mismugħa, il-Qorti tasal għall-fehma li n-notifika saret kif titlob il-liġi u ntlaqgħet minn persuna maħsuba fil-liġi fil-post fejn il-kumpannija eżekutata messha laqgħetha. Fix-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti, ir-rappreżentant tal-eżekutata stqarr li kien huwa nnifsu li lil waħda mill-eżekutanti taha l-indirizz fejn saret in-notifika, u li l-persuna li laqgħet in-notifika ma tistax tidħol fil-fond imsemmi jekk mhux għaliex idaħħalha hu u li l-att li hija iffirmat għalih għaddithulu fit-28 ta' Mejju tal-2019;"*

Il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma' dak li ngħad, liema konklużjoni hija tadotta u tagħmel tagħha.

In fine l-Qorti tinnota diskrepanza bejn dak li xehed Leo Said fl-affidavit tiegħu u dak li huwa xehed viva voce quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2022. Dan biex il-Qorti ma tikkumentax iżżejjed fuq il-fatt li Leo Said kien reżistenti li jressaq provi fuq id-dekadenza ssolevata.[10]

[10] Folio 87

Fl-affidavit huwa nsista li Bimala Rana qatt m'għaddietlu l-ittra uffiċjali li tagħha kienet laqgħet in-notifika, u li hu skopra dwar l-ittra uffiċjali meta ġew issekwestrati l-flus tal-kumpanija rikorrenti u beda jindaga fir-Reġistru biex jara x'qed jiġri. Huwa rrefera għad-data tal-1 t'Awwissu 2019 meta ġabar għall-ewwel darba kopja tal-ittra uffiċjali mir-Reġistru.

**Madankollu fix-xhieda vova voce huwa ammetta li din il-mara kienet għaddietlu kopja tal-ittra uffiċjali 3 ġimgħat wara li aċċettat in-notifika[11]. B'dana li xorta baqa' insistenti li dik il-mara msemmija li ġabret in-notifika ma kienetx segretarja tal-kumpanija. Pero ma kkontestax lil persuna riċeventi kienet tgħix miegħu (xi ħin).**

Dan ifisser li fuq ammissjoni tiegħu stess, din in-notifika kienet inġiebet a konjizzjoni tiegħu qabel ma skada t-terminu ta' xahar, allura entro t-terminu perentorju impost mill-liġi sabiex tiġi attakkata t-taxxa in kwistjoni.

Għalhekk il-Qorti tqies li tħares minn liema lenti tħares, din il-kawża ma tistax tirnexxi.

La l-artikolu 64 tal-Kap 12 suċċitat jestabilixxi terminu perentorju ta' xahar min-notifika tal-ittra uffiċjali li, fil-każ tas-soċjeta' rikorrenti kien ilu li skada, l-azzjoni minnha mressqa quddiem din il-Qorti ma tistax tipproċedi ulterjorment lanqas quddiem il-Qrati Inferjuri għax hija **perenta** skont il-liġi.

L-eċċezzjonijiet tal-intimati huma għalhekk ġustifikati u ser jintlaqgħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-avukati Dr Carina Bugeja Testa u Dr Abigail Critien;**

**2. Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali; u**

[11] Fol 87G

**3. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' Green MT Ltd et;**

**4. Tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrent bl-ispejjeż kontra tagħha**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep. Reġ.**